# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Il-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-7:00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Jonathan Mercieca – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA TAL-PUBBLIKU:

Residenti minn Triq Għajn Tuta li kienu:
Nenu Tabone, Maria Tabone, Christian Tabone, Marlene Tabone, Carlvic Cardona, Emanuel Cardona, Salvu Tabone, Francis Tabone.

## Minuti

Is-SE infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier Jonathan Mercieca talab li jkun skużat minħabba li kien jinsab indispost. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

Is-Sindku spjega illi għajjat din il-laqgħa b'urġenza wara li l-ġimgħa l-oħra, kuntrattur imqabbad mill-Energy and Water Agency (EWA) mar fi Triq Għajn Tuta biex jibda xi xogħolijiet biex isir charging pillar. Is-sidien tal-madwar mall-ewwel bdew joġġezzjonaw illi din ma jriduhiex issir u l-kuntrattur waqqaf ix-xogħolijiet għal dak il-ħin. Hawnhekk is-Sindku spjega illi l-KL dejjem kien kontra dawn ic-charging pillars pero' b'insistenza mill-EWA kellu jissuġġerixxi erba' postijiet li lura f'Lulju 2023 kienu dawn: Triq Ghajn Abdun, Triq Għajn Tuta, Triq Qasam San Ġorġ u Triq ta' Doti. Minn naħa tal-EWA kien ġie deċiż li jsiru dik ta' Triq Qasam San Ġorġ u ta' Triq Għajn Tuta.

Ir-residenti ta' Triq Għajn Tuta tkellmu dwar l-inkwiet tagħhom fuq din ic-charging pillar fosthom li din ġejja eżatt quddiem art li ser tiġi żviluppata u l-periklu li tista' tpoġġi għal dawn l-istess nies. Il-Kunsill mall-ewwel għamel talba lill-EWA sabiex jieqfu x-xogħolijiet iżda l-EWA trid tkompli x-xogħolijiet peress li l-KL kien ta l-approvazzjoni tiegħu sentejn ilu. Madanakollu, il-KL iddiskuta illi dakinhar ma kienx konxju ta' dawn il-problemi u issa qed juri illi hemm il-problemi. Is-Sindku qal li din il-problema tkellimha ukoll fir-Reġjun t'Għawdex u qablu li l-istess Reġjun għandu jikteb lill-EWA sabiex tiġi ċċarata din il-pożizzjoni.

Ir-residenti ssuġġerew ukoll illi din tiġi rilokata f'xi post ieħor iżda l-Kunsill ma qabilx ma dan peress li jekk imur f'post ieħor jista' jkun li terġa' tiġri l-istess ħaġa fejn ir-residenti jkollhom ir-raġunijiet tagħhom għalfejn ma jriduhiex. Is-Sur Karlvic Cardona kiteb ittra legali lill-EWA sabiex din ic-charging pillar ma jsirx u kkopja anke lill-Kunsill. Wara diskussjoni daqsxejn fit-tul, il-Kunsill qabel illi għandu jqabbad lill-Avukat tal-KL u jikteb lill-EWA u jekk huwa possibli jsir mandat. Għalhekk, fil-jiem li ġejjin, il-KL ser jieħu parir legali ta' x'inhi l-aħjar triq li għandna nimxu minn hawn.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |